MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 221/2009

**Il-Pulizija
(Spt. Raymond Aquilina)
Vs
Edward Falzon**

**Illum, 8 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Mejju, 2009 ghall-habta tal-1330 hours ta' wara nofsinhar u fix-xhur precedenti, gewwa Triq Giovanni Barbara, Hamrun, jew/u f'xi bnadi ohra f'Malta, f'hinijiet differenti, b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :
a) ghamel lottu klandestin jew gabar il-flus tal-gugati fuqu, jew b'xi mod ghin jew hajjar f'daqshekk;

b) ghamilha ta’ ricevitura ta’ gugati tal-lottu meta ma kienx awtorizzat ghal daqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi;
c) biegh jew offra ghall-bejgh biljetti tal-Lottu Pubbliku minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 12, 13 u 14 tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikoli 30(1) u 17(g) tal-Kodici Kriminali sabet lill-appellat hati w ikkundannatu ghal multa ta’ Euro 5659 u ordnat l-konfiska tal-flus u l-oggetti esebiti.
L-appellat ghandu jhallas il-multa sa zmien sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-26 ta’ Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu filwaqt li tirrevokaha w thassaraha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta’ multa ta’ hamest elef, sitt mija w disgha w hamsin euro (€5659), liema multa ghandha tithallas fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza w minflok tinfliggi piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kienitx fix-xorta jew kwantita’ taghha dik ikkontemplata fil-ligi, in partikolari ghall-ewwel akkuza kif migjuba kontra l-appellat. Din l-akkuza ghandha l-bazi taghha fl-artikoli 12(1) u (2) tal-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku (Kap. 70 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi b’hekk a tenur ta’ l-artikolu 12(2) tal-imsemmi Kap. 70, il-piena ta’ prigunerija hija wahda tassattorja, w dan ghax l-imsemmi artikolu jistipola li l-piena hija ta’

*“multa ta’ mhux anqas minn ...... u l-prigunerija ghal zmien ta’ .......”.*
B’hekk l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata fil-piena erogata fil-kaz in dizamina w dana ghax ma kkundannatx lill-appellat ghall-piena ta’ prigunerija skon dl-istess artikolu 12(2) tal-kap. 70 tal-ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat :

Illi l-appell ta’ l-Avukat Generali hu limitat ghall-piena peress illi l-Ewwel Qorti erogat piena anqas minn dak stipulat mill-ligi. Jidher illi dana huwa accettat anki mid-difiza peress illi fit-trattazzjoni taghha indikat lil din il-Qorti illi kien sar zball peress ili l-intiza kienet li l-appellat kellu jinghata sitt xhur habs sospizi izda ghal xi raguni l-Ewwel Qorti halliet din il-parti tal-piena barra.

Ikkunsidrat :

Illi l-artikolu 12 tal-Ordinanza Dwar il-Lottu Pubbliku Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta’ Malta jsemmi piena ta’ prigunerija bhala wahda tassattorja. Meta l-imsemmi artikolu jistipula multa u prigunerija ghal zmien bejn sitt xhur u tnax il-xahar.

Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-meritu, fejn l-Avukat Generali qieghed jitlob konferma tad-dikjarazzjoni ta’ htija, liema talba mhiex qed tigi kontestata mid-difiza. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Generali ghandu ragun. L-Ewwel Qorti naqset milli teroga s-sentenza skond il-Ligi meta mponiet piena ta’ multa w mhux dik ta’ prigunerija wkoll.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w filwaqt illi tikkonferma l-ewwel sentenza fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu w f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta’ multa ta’ hamest elef, sitt mija w disgha w hamsin Euro (€5659.00), liema multa ghandha tithallas fi zmien sentejn mid-data ta’ din is-sentenza w tirriformaha in kwantu tikkundanna wkoll lill-appellat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur b’dana, illi wara li rat l-

artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna li dan it-terminu ghandu jkun sospiz ghal zmien sentejn mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------